RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' Ottubru 2012

li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ([1]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7–0051/2012),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ([2]) li tiddifferixxi d-deċiżjoni tal-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mar-Riżoluzzjoni li takkumpanja dik id-Deċiżjoni u t-tweġibiet tad-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar aġenziji deċentralizzati u l-Approċċ Komuni anness magħha, miftehma f'Ġunju 2012 mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, bħala riżultat tax-xogħol tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar l-aġenziji deċentralizzati maħluq f'Marzu 2009, u b'mod partikulari t-taqsimiet dwar il-governanza, l-operat, l-ipprogrammar, ir-responsabilità u t-trasparenza tal-Approċċ Komuni,

— wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0299/2012),

([1]) ĠU C 366, 15.12.2011, p. 106.
([2]) ĠU L 286, 17.10.2012, p. 367.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([4]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

A. billi, fl-10 ta' Mejju 2012, il-Parlament Ewropew ippospona d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza u l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010,

B. billi l-Awtorità tat risposti estensivi lill-awtorità ta' kwittanza permezz tal-ittri tad-29 ta' Ġunju 2012 u tal-20 ta' Awwissu 2012,

C. billi l-kwittanza hija strument validu tal-Parlament Ewropew f'dan ir-rigward, li jirrikjedi deċiżjoni msejsa fuq argumenti fattwali u sostansivi; ifakkar, f'dan il-kuntest, ir-regoli eżistenti, jiġifieri r-Regolamenti tal-Personal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Qaddejja Oħra tal-Komunita Ewropea, ir-Regolament Finanzjarju li huwa applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tat-twaqqif tal-Awtorità u l-politiki u l-proċeduri speċifiċi stabbiliti mill-Awtorità,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Awtorità li issa ttieħdu miżuri adegwati sabiex titjieb il-ġestjoni finanzjarja u li r-rata ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-approprjazzjonijiet ta' impenn kienet qrib il-100 % fl-2011;

2. Jilqa' l-informazzjoni li waslet dwar tnaqqis sinifikanti fl-ispejjeż tal-laqgħat tal-Bord ta' Ġestjoni, li ammontaw għal EUR 6 175 kull membru fl-2010; ifaħħar b'mod partikolari t-tnaqqis tal-infiq b'66 % mqabbel mal-2010, milħuq permezz tal-bidla għal streaming tal-awdjo fuq talba, l-użu tal-Ingliż bħala l-unika lingwa għal-laqgħat tal-Bord ta' Ġestjoni u permezz tal-fatt li l-laqgħat kollha qed iseħħu fis-sede tal-Awtorità f' Parma;

Proċess ta' ġestjoni tal-kuntratti

3. Jieħu nota tal-fatt li l-Awtorità żviluppat "Għodda ta' Għotjiet u Akkwisti" sabiex ittejjeb il-monitoraġġ tal-proċess tal-offerti, il-ġestjoni tal-kuntratti u l-kapaċità tal-previżjonijiet tal-ħlas; jieħu nota tal-fatt li d-Database ġdida dwar l-Akkwisti u l-Għotjiet ġiet varata fit-28 ta' Ġunju 2012;

Kunflitt ta' interessi u trasparenza

4. Jinnota li l-funzjoni prinċipali tal-Awtorità hija li tipprovdi konsulenza xjentifika indipendenti u trasparenti dwar suġġetti b'impatt dirett jew indirett fuq is-sikurezz tal-ikel u tal-għalf;

5. Jinnota l-ħtieġa li jittieħdu miżuri li jissalvagwardjaw il-kredibilità tal-Awtorità;

6. Jilqa' l-organizzazzjoni ta' sessjoni mandatorja fuq l-etika u l-integrità għall-membri kollha tal-Bord ta' Ġestjoni ippogrammat għal Ottubru 2012, u jitlob lill-Bord ta' Ġestjoni jinforza b'mod effikaċi l-kodiċi ta' kondotta tiegħu u jadotta dispożizzjonijiet li jipprevjenu u jippenalizzaw każijiet ta' 'revolving door' fil-ġejjieni, sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet simili għal dik li effetwat lill-ex-President tiegħu fl-2010;

7. Diġà fl-imgħoddi indirizza ċerti problemi li jikkonċernaw il-kunflitt ta' interessi, id-dikjarazzjoni tal-interessi u t-trasparenza; jisħaq li, fl-2010, l-ex President tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità naqset milli tiddikjara s-shubija tagħha fil-bord tal-Istitut Internazzjonli tax-Xjenzi tal-Ħajja (ILSI), minkejja l-fatt li l-ILSI huwa ffinanzjat minn intrapriżi tas-settur tal-ikel, dak tal-kimika u dak farmaċewtiku; jinnota li l-membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità ma jinħatrux mid-Direttur Eżekuttiv u għalhekk ma jistgħux jitkeċċew mid-Direttur Eżekuttiv;

8. Jilqa' l-impenn tal-Awtorità li tipproponi li l-Bord ta' Ġestjoni jaħtar il-President tiegħu permezz ta' votazzjoni fil-miftuħ; jemmen li proċedura trasparenti se ssaħħaħ ir-responsabilizzazzjoni tal-Bord ta' Ġestjoni;

9. Jinnota b'attenzjoni l-politiki, ir-regoli, il-miżuri ta' implimentazzjoni u l-azzjonijiet kollha li ġew stipulati sa mill-2007 biex ikun evitat il-kunflitt ta' interessi fost l-esperti xjentifiċi u l-persunal; jilqa' f'dan ir-rigward il-kodiċi ta' kondotta tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità u l-approċċ attiv tagħhom fir-rieżami tad-dikjarazzjonijiet ta' interess tagħhom, u r-regoli ġodda għall-analiżi bir-reqqa ta' kunflitti ta' interess fis-seħħ minn Lulju 2012, li ntużaw proattivament fit-tiġdid tal-panels xjentifiċi; huwa determinat li jissorvelja l-effett ta' dawn l-azzjonijiet; se jibqa' jistieden lid-Direttur Eżekuttiv għal skambji ta' fehmiet fuq bażi regolari, biex jippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni, anki permezz ta' persuna ta' kuntatt maħtur minn fost il-membri tiegħu u billi jżur l-Awtorità kull sentejn; ifakkar li l-aħħar żjara kienet saret f'Mejju 2012;

10. Jieħu nota tal-fatt li l-politika l-ġdida tal-Awtorità fil-qasam "tal-indipendenza u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet xjentifiċi" flimkien mar-regoli ta' implimentazzjoni tagħha daħlu fis-seħħ f'Lulju 2012 u li d-definizzjoni l-ġdida ta' kunflitt ta' interessi tal-Awtorità hija kompatibbli mal-linji gwida tal-OECD; jinnota mill-approċċ prattiku tal-Awtorità rigward il-ksur ta' regoli relatati mal-politika ta' indipendenza minn espert jikkonsisti f'esklużjoni għal perjodu ta' 5 snin; jissuġġerixxi li tiddaħħal ġabra konklużiva ta' pieni proporzjonati bħala parti mir-regoli ta' implimentazzjoni tal-politika ta' indipendenza;

11. Jinnota li l-Awtorità skedat valutazzjoni tal-politika ta' indipendenza tagħha sal-aħħar tal-2013 u impejnat ruħha li tikkunsidra, fost l-oħrajn, il-possibbiltà li tippubblika r-riżultati tal-proċeduri fuq il-ksur ta' fiduċja, inklużi r-riżultati tal-proċedura intiża sabiex tivverifika l-integrità tar-rieżami xjentifiku u twessa' u ssaħħaħ il-mandat tal-Kumitat tagħha dwar il-Kunflitt ta' Interessi, pereżempju b'mandat simili għall-Kumitat dwar l-Istandards Etiċi u l-Prevenzjoni ta' Kunflitt ta' Interessi tal-aġenzija Franċiża għall-ikel, l-ambjent u l-ħarsien tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol (ANSES); jistenna li l-Awtorità tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar din il-kwistjoni sal-bidu tal-proċedura ta' kwittanza li jmiss;

12. Jinkoraġġixxi lill-Awtorità biex issaħħaħ aktar il-politika ta' indipendenza tagħha u tikkunsidra li tadotta regoli li jinkludu pieni, fost oħrajn, u tippubblika l-curriculum vitae u d-dikjarazzjonijiet ta' interessi tal-esperti u xjenzati interni;

13. Huwa konvint bis-sħiħ li għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa jekk ikun hemm każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli eżistenti; jemmen li, f'tali każijiet, l-Awtorità jeħtiġilha tfassal pjan ta' azzjoni flimkien ma' skeda ta' żmien preċiża, bil-għan li tirrimedja l-problemi, li l-implimentazzjoni tiegħu għandha tkun sorveljata mill-Parlament Ewropew, u li dawk il-problemi għandhom ikunu indirizzati billi jinbidlu r-regoli u r-regolamenti eżistenti ħalli jeliminaw il-lakuni possibbli;

14. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Awtorità li hija adottat politika dwar ir-regali u l-ospitalità fl-4 ta' Lulju 2012; jilqa' din l-inizjattiva u jistieden lill-Awtorità tippubblika din il-politika fil-websajt tagħha;

15. Jirrikonoxxi li l-Awtorità ipprogrammat għall-1 ta' Ottubru 2012 it-tnedija tal-ewwel evalwazzjoni tagħha ta' kampjun aleatorju ta' dikjarazzjonijiet ta' interess ħalli tivverifika l-koerenza tagħhom mal-politika li għadha kemm adottat fil-qasam tal-indipendenza u r-regoli ta' implimentazzjoni; jistenna li l-Awtorità tikkondividi l-konklużjonijiet ta' dik l-evalwazzjoni mal-awtorità ta' kwittanza sal-1 ta' Marzu 2013 sabiex din tirrflettihom fil-proċedura ta' kwittanza li jmiss;

16. Jirrikonoxxi l-impenn tal-Awtorità li taħdem mal-Kummissjoni Ewropea sabiex tiddefinixxi l-modalitajiet ta' aċċess sħiħ għall-pubbliku għal data mhux ipproċessata u mhux ippubblikata;

17. Josserva li tmien kumitati ta' esperti kif ukoll il-kumitat xjentifiku tal-Awtorità ġġeddu f'Ġunju 2012; jilqa' l-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' interessi tal-esperti li għadhom kemm inħatru fil-websajt tal-Awtorità, iżda josserva li whud misCVs għad mhumiex disponibbli; jistieden lill-Awtorità tippubblikahom kollha sal-1 ta' Jannar 2013;

18. Jinnota li 37 espert ta' żewġ Panels inħatru fl-2011, qabel l-adozzjoni tal-politika l-ġdida tal-Awtorità fil-qasam tal-indipendenza u tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet xjentifiċi; jaqbel għalhekk mal-inizjattiva tal-Awtorità li sal-31 ta' Ottubru 2012 tanalizza d-dikjarazzjonijiet ta' interess tagħhom fil-konfront mal-politika u r-regoli ta' implimentazzjoni li għadhom kemm ġew adottati; jistieden lill-Awtorità tinforma lill-awtorità ta' kwittanza bir-riżultati tal-proċess ta' analiżi sal-bidu tal-proċedura ta' kwittanza li jmiss;

19. Jistieden lill-Awtorità tintroduċi fir-rapporti annwali ta' attività tagħha taqsima speċjali li tiddeskrivi l-azzjonijiet meħuda sabiex jiġi tipprevjeni u timmaniġġja l-kunflitt ta' interessi, li għandha tinkludi fost oħrajn:

— l-għadd ta' każijiet allegati ta' kunflitt ta' interessi verifikati,

— l-għadd ta' każijiet ta' "revolving door",

— il-miżuri li ttieħdu f'kull kategorija ta' każijiet,

— l-għadd ta' proċeduri fuq il-ksur ta' fiduċja mibdija flimkien mal-eżitu tagħhom;

— il-pieni applikati;

20. Iħeġġeġ lill-Awtorità biex ittejjeb il-ftuħ u t-trasparenza tal-proċess tal-valutazzjoni ta' riskju, tieħu aktar kont tal-letteratura xjentifika indipendenti eżaminata *inter pares* u tipprovdi ġustifikazzjoni dettaljata meta tirrifjuta fehmiet diverġenti; jinkoraġġixxi lill-Awtorità tkattar id-djalogu u l-kooperazzjoni mal-esperti esterni u l-aġenziji nazzjonali, b'mod partikolari meta dawn ikollhom opinjonijiet diverġenti dwar proċess speċifiku tal-valutazzjoni tar-riskju;

21. Jilqa', b'mod ġenerali, id-Dikjarazzjoni Konġunta u l-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati fuq imsemmija li tindirizza u timplimenta ċerti elementi ta' importanza għall-proċedura ta' kwittanza u jemmen li l-pjan direzzjonali dwar is-segwitu tal-Approċċ Komuni, li għandu jkun ippreżentat mill-Kummissjoni sal-aħħar tal-2012, iqis kif jisthoqq dawn il-kwestjonijiet;

22. Jirreferi, fir-rigward tal-osservazzjonijiet l-oħra li qed jakkumpanjaw id-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 [1] dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-Aġenziji.

[1] ĠU L 286, 17.10.2012, p. 388.